



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 31 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5871/23

COH 8
SOC 58
AGRISTR 5
PECHE 30
CADREFIN 9
POLGEN 7

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Jannar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 39 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej Rapport ta' sinthezi għall-2022 tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tal-programm li jkopru l-implimentazzjoni fl-2014-2020

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 39 final.

Mehmuż: COM(2023) 39 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.1.2023
COM(2023) 39 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej
Rapport ta' sinteżi għall-2022 tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tal-programm
li jkopru l-implimentazzjoni fl-2014-2020**

{SWD(2023) 22 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

Rapport ta' sinthezi għall-2022 tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tal-programm li jkopru l-implimentazzjoni fl-2014-2020

1. INTRODUZZJONI

Il-kriżi tas-saħħa pubblika kompliet taffettwa lis-soċjetà Ewropea fl-2021. Il-mewġiet suċċessivi tal-varjanti tal-COVID-19 ittestjaw ir-reżiljenza tal-ekonomiji tagħna. Minkejja l-kundizzjonijiet ibsin, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) komplew jappoġġaw lin-nies, lill-kumpaniji u lill-awtoritajiet reġjonali. Dan, min-naħa tiegħu, għen biex jittaffa l-impatt kemm mill-kriżi tas-saħħa kif ukoll mill-kriżi ekonomika.

Filwaqt li l-Fondi SIE jaġixxu bħala ankra għall-investiment pubbliku u privat u għal proġetti fit-tul, il-flessibbiltajiet introdotti matul il-kriżi tas-saħħa ppermettew li jingħata appoġġ lin-nies, lill-kumpaniji u lill-awtoritajiet reġjonali, sabiex b'hekk dawn setgħu jerfegħu l-piż tal-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. Il-miżuri ta' appoġġ iffokaw fuq iż-żieda fl-infiq fuq il-kura tas-saħħa, l-iskemi ta' xogħol għal żmien qasir u l-kapital operatorju tal-SMEs.

Bħala l-akbar strumenti ta' investiment taħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 (baġit tal-UE), il-Fondi SIE jappoġġaw il-koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali tar-reġjuni tal-Ewropa, kif ukoll ir-reżiljenza u l-irkupru tagħhom mill-kriżi li ffaċċjaw f'dawn l-aħħar snin. Dawn jinkludu:

- il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR);
- il-Fond Soċjali Ewropew (FSE);
- il-Fond ta' Koeżjoni;
- il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR);
- il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

Il-Fondi SIE għandhom perjodu ta' implimentazzjoni ta' għaxar snin⁽¹⁾, li minnhom l-2021 kienet it-tmien sena. Dan ir-rapport, kif meħtieġ mill-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, jippreżenta l-bidliet fl-implimentazzjoni finanzjarja tal-Fondi SIE sa tmiem l-2021⁽²⁾. Huwa jippreżenta l-kisbiet kumulattivi tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 irrapporati mill-Istati Membri, kif ukoll l-għarfien inizjali dwar l-azzjonijiet ta' rispons tal-programmi tal-Fondi SIE għall-pandemija tal-COVID-19.

⁽¹⁾ [Ir-Regolament \(UE\) Nru 2020/2220](#) estenda l-perjodu ta' implimentazzjoni attwali għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali b'sentejn sabiex jippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jħejju l-elementi kollha meħtieġa biex japplikaw il-qafas legali l-ġdid għall-Politika Agrikola Komuni għall-pjanijiet strateġiċi korrispondenti.

⁽²⁾ Fejn disponibbli, id-data turi wkoll il-progress parzjali fl-implimentazzjoni finanzjarja sat-30 ta' Settembru 2022.

L-investiment totali kien jammonta għal EUR 731 biljun fi tmiem l-2021, li minnhom il-finanzjament tal-UE kien jammonta għal EUR 535 biljun. Il-baġit globali ppjanat żdied bi kważi EUR 90 biljun, l-aktar bis-saħħa tar-riżorsi addizzjonali magħmula disponibbli taħt l-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU) għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19, kif ukoll għall-estensjoni tal-baġit tal-Politika Agrikola Komuni. Il-fondi jimmiraw lejn objettivi ta' politika kruċjali għall-futur tal-Ewropa, inklużi:

- iż-żieda tat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv,
- it-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-amministrazzjoni pubblika,
- it-tisħiħ tal-iżvilupp territorjali u urban u tal-kooperazzjoni territorjali (Interreg).

Sa tmiem l-2021, l-Istati Membri kienu diġà rċeview aktar minn 64 % tal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni. F'termini assoluti, is-somma ta' EUR 66 biljun imħallsa fl-2021 tirrappreżenta l-ogħla livell fil-pagamenti annwali magħmula mill-Kummissjoni matul iċ-ċiklu ta' finanzjament 2014-2020. Skont l-aħħar *data* finanzjarja disponibbli, fl-aħħar ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ħallset EUR 297 biljun għall-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020, madwar 74 % tal-fondi ppjanati, u b'hekk għad iridu jitħallsu EUR 104 biljun.

Matul il-perjodu 2014-2020, il-Fondi SIE kkontribwew għal:

- l-għoti ta' appoġġ lil aktar minn 4 miljun negozju;
- il-ħolqien ta' aktar minn 310 000 impjieġ ġdid fir-reġjuni differenti tal-UE;
- it-titjib tal-effiċjenza enerġetika ta' 460 000 unità domestika;
- iż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija li ġejja minn riżorsi tal-enerġija rinnovabbli b'aktar minn 3 600 MW (l-ekwivalenti ta' madwar 1 800 turbina eolika);
- it-tnaqqis fil-konsum annwali tal-enerġija primarja tal-bini pubbliku b'2,6 terawatt/siegħa fis-sena (ekwivalenti għall-ammont ta' elettriku kkonsmat minn madwar 720 000 unità domestika għal sena sħiħa);
- il-konnessjoni ta' 500 000 utent tal-enerġija addizzjonali ma' grilji enerġetiċi intelliġenti;
- l-għoti ta' għajjnuna lil 55,2 miljun persuna permezz ta' azzjonijiet li jirrigwardjaw l-impjieġi, l-inklużjoni soċjali jew l-edukazzjoni;
- l-għoti ta' appoġġ ta' aktar minn 2,3 miljun proġett fis-settur agrikolu u fiż-żoni rurali;
- iż-żamma ta' aktar minn 44 000 impjieġ u l-ħolqien ta' 6 000 impjieġ ġdid fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura.

L-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-programmi tal-Fondi SIE għall-2021 hija biss stampa meħuda matul sitwazzjoni dinamika ħafna. Il-programmi jkomplu jużaw il-finanzjament tal-UE biex jindirizzaw l-impatti tal-pandemija, filwaqt li jsegwu l-għanijiet strateġiċi oriġinali tagħhom, għalkemm f'kontest differenti b'mod sinifikanti. Il-pajjiżi tal-UE għamlu użu mill-flessibbiltà addizzjonali pprovduta permezz tal-Inizjattivi ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (CRII u CRII+), kif ukoll mill-fondi addizzjonali magħmula disponibbli permezz tal-pakkett ta' rkupru NextGenerationEU, inklużi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u REACT-EU.

L-invażjoni Russa tal-Ukrajna fl-2022 kompliet taffettwa l-implimentazzjoni tal-programmi. Appoġġati mill-Kummissjoni, l-Istati Membri kienu qed jadattaw il-programmi tagħhom biex jaġġustaw għall-ambjent li qed jinbidel malajr u biex

jindirizzaw l-isfidi emerġenti. L-inizjattiva tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) proposta mill-Kummissjoni f'Marzu 2022 u adottata f'April 2022, ipprovdiet flessibbiltà addizzjonali fil-finanzjament tal-Politika ta' Koeżjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri li jospitaw nies li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Billi ħadmu mill-qrib flimkien mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-awtoritajiet lokali, il-Fondi SIE appoġġaw miżuri ta' għajjuna immedjata fl-akkomodazzjoni u l-kura tas-saħħa għar-refuġjati. Huma appoġġaw ukoll l-integrazzjoni fit-tul fl-oqsma tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, inkluż it-taħriġ, il-korsijiet tal-lingwi, il-konsulenza, it-taħriġ, l-assistenza psikoloġika, l-appoġġ legali u l-aċċess għal servizzi bħall-indurkar tat-tfal, il-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali.

Minbarra l-influss bla preċedent ta' persuni spostati, l-invażjoni Russa tal-Ukrajna aggravat ukoll il-prezzijiet tal-komoditajiet, inkluż għall-enerġija u l-ikel, ikkawżat konġestjonijiet imġedda fil-katina tal-provvista u ħarbtet is-suq tax-xogħol. Il-fondi ta' koeżjoni komplew jappoġġaw lill-Istati Membri fl-indirizzar ta' dawn l-isfidi billi offrew flessibbiltà massima għall-implimentazzjoni tal-investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni permezz tal-Assistenza Flessibbli għat-Territorji (FAST-CARE) proposta mill-Kummissjoni f'Ġunju 2022 u adottata f'Ottubru 2022. FAST-CARE tinkludi bidliet taż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni – 2014-2020 u 2021-2027 – li jiffokaw fuq: i) simplifikazzjonijiet amministrattivi, ii) żieda fil-flessibbiltà sabiex it-tliet fondi tal-Politika ta' Koeżjoni jintużaw b'mod interkambjabbli u jiġu ffinanzjati proġetti li tlestew diġà, u iii) likwidità addizzjonali permezz ta' żieda fil-prefinanzjament minn REACT-EU u l-għażla li l-kostijiet jintalbu jkun koperti 100 % mill-baġit tal-UE mingħajr ebda kofinanzjament mill-baġits nazzjonali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni pprovdiet ukoll kontribut biex tindirizza l-kriżi tal-enerġija b'emendi mmirati fil-Politika ta' Koeżjoni 2014–2020 — bl-isem Għajjuna għal Enerġija Affordabbli (SAFE) — fil-kuntest tan-negozjati leġislattivi REPowerEU. Fl-14 ta' Diċembru 2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim politiku dwar REPowerEU inkluż SAFE; bih l-Istati Membri jistgħu jużaw sa 10 % tal-allokkazzjoni tagħhom tal-Politika ta' Koeżjoni 2014–2020 biex jgħinu unitajiet domestiċi vulnerabbli u SMEs milquta b'mod partikolari miż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija kif ukoll xogħol b'ħinijiet aqsar u skemi ekwivalenti, b'kofinanzjament ta' 100 % mill-UE.

2. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-IMPLIMENTAZZJONI


2.1. Implimentazzjoni finanzjarja ⁽³⁾

**EUR 731 biljun
ta' investiment
għar-reġjuni
tal-UE**

Il-ħames Fondi SIE impenjaw EUR 535 biljun fil-perjodu tal-programm tal-baġit 2014-2020. Ikkomplementati minn kofinanzjament nazzjonali, dawn il-fondi wasslu għal investiment globali ta' EUR 731 biljun (inklużi r-riżorsi ta' REACT-EU, kif ukoll l-estensjoni tat-tieni pilastru tal-Politika Agrikola Komuni). Il-kostijiet imġarrba mill-benefiċjarji tal-proġett huma eliġibbli għal kofinanzjament mill-Fondi SIE sal-aħħar tal-2023 ⁽⁴⁾.

⁽³⁾ Id-dettalji dwar l-implimentazzjoni finanzjarja skont il-Fond u skont l-Istat Membru huma pprovduti fl-Annessi.

⁽⁴⁾ Fil-każ tal-FAEŻR, il-kostijiet huma eliġibbli sal-aħħar tal-2025.



Il-kost totali tal-**proġetti magħżula** mill-Istati Membri għall-appoġġ mill-Fondi SIE sal-aħħar tal-2021 jammonta għal EUR 746 biljun u jirrappreżenta 102 % tal-allokazzjoni totali ⁽⁵⁾. Il-graff ta' hawn taħt turi x-xejra fl-għażla tal-proġetti u l-pagamenti tal-proġetti matul iċ-ċiklu ta' implimentazzjoni, f'termini relattivi.

Fl-aħħar tal-2021, tħallset is-somma totali netta ta' EUR 252 biljun lill-Istati Membri (64 % tal-ammont ippjanat tal-UE matul il-perjodu kollu għall-Politika ta' Koeżjoni). Meta jitqiesu kemm l-istadju għoli ta' maturità tal-programmi kif ukoll il-flessibbiltajiet ipprovduti bħala rispons għall-kriżi, inkluż finanzjament tal-UE ta' 100 %, fl-2021 kien hemm spinta ċara f'termini tal-pagamenti tal-UE li saru lill-programmi. L-esperjenza tal-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti tissuġġerixxi li r-rata ta' nfiq se tkompli taċċellera sal-għeluq tal-programmi. Fl-2021, ġew diżimpenjati EUR 65 miljun ⁽⁶⁾.

Għall-Politika ta' Koeżjoni, id-data finanzjarja ta' Settembru 2022 tikkonferma nfiq qawwi kontinwu. F'għaxar xhur, ġie rrapportat infiq addizzjonali ta' EUR 45 biljun, li żied il-pagamenti għal 74 % tal-ammont ippjanat. Meta jitqies li l-amministrazzjoni nazzjonali għandha t-tendenza li tissottometti talbiet għal rimborż lill-Kummissjoni lejn l-aħħar tas-sena finanzjarja, din iċ-ċifra hija mistennija li tiżdied aktar fix-xhur li jifdal tal-2022.

2.2. Kisbiet ewlenin tal-Fondi SIE

Il-qafas regolatorju 2014-2020 jinkludi indikaturi komuni għal kull fond tal-UE li jippermettu monitoraġġ aggregat annwali tal-UE tal-azzjonijiet, l-outputs u r-risultati tal-investiment mill-Kummissjoni.

Iċ-ċifri tal-prestazzjoni ewlenin kumulattivi rrapportati mill-Istati Membri sal-aħħar tal-2021 kienu:

⁽⁵⁾ Din l-allokazzjoni żejda żgħira toħloq riżerva f'każ li xi proġetti ma jirnexxux matul l-implimentazzjoni jew f'każ li jkun hemm fondi addizzjonali disponibbli, biex b'hekk jiġi żgurat l-aħjar assorbiment tal-fondi.

⁽⁶⁾ Din iċ-ċifra tinkludi EUR 17-il miljun fid-diżimpenji tal-FEŻR u tal-FK, EUR 16-il miljun fid-diżimpenji tal-FSE u EUR 32 miljun fid-diżimpenji tal-FEMS. Fl-2021 ma kien hemm l-ebda diżimpenn għall-FAEŻR.

- ingħataw għajnuna 4 miljun negozju permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-Fondi SIE⁽⁷⁾;
- Inħolqu 310 000 impjieg ġdid bl-appoġġ tal-FEŻR;
- Ġiet installata 3 600 MW ta' kapaċità addizzjonali tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (l-ekwivalenti ta' madwar 1 800 turbina eolika);
- Tnaqqis ta' 2,6 terawatt/siegħa fis-sena fil-konsum tal-enerġija primarja annwali tal-bini pubbliku (l-ekwivalenti tal-elettriku kkonsmat minn madwar 720 000 unità domestika għal sena sħiħa);
- 500 000 utent tal-enerġija ġew konnessi ma' grilji enerġetiċi intelliġenti;
- 55,2 miljun parteċipant ibbenefikaw mill-proġetti appoġġati mill-FSE u mill-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ;
- 8,8 miljun parteċipant kisbu kwalifika bis-saħħa tal-appoġġ tal-FSE;
- 2,3 miljun proġett ġew appoġġati biex jgħinu lis-settur agrikolu u lin-negozji rurali jsiru aktar kompetittivi u jgħinu u jżommu l-impjieg fiż-żoni rurali;
- Intgħażlu 34 miljun ettaru ta' art agrikola jew 19,5 % tal-erja agrikola uttilizzata għall-appoġġ għall-ġestjoni tal-art sabiex il-bijodiversità tiġi protetta aħjar;
- 64 % tal-popolazzjoni rurali totali (184,8 miljun abitant) hija koperta minn aktar minn 3 650 Grupp ta' Azzjoni Lokali (GAL) ta' LEADER li jimplimentaw Strateġiji ta' Żvilupp Lokali appoġġati mill-FAEŻR.

2.3. Reazzjonijiet għall-pandemija tal-COVID-19

**Ġew injettati
EUR 39,6 biljun
biex tiġi
miġġielda l-
pandemija u għal
aktar flessibbiltà**

Mewġiet suċċessivi ta' varjanti tal-virus ħakmu u dgħajfu s-soċjetajiet Ewropej matul l-2021. L-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali baqgħu fuq quddiem nett biex jiġġieldu l-ħsara kkawżata lill-komunitajiet u lill-ekonomija.

B'rispons għall-pandemija tal-COVID-19, l-UE adottat l-akbar pakkett ta' rkupru sal-lum biex toħroġ aktar reżiljenti mill-kriżi u biex tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika tal-Ewropa, b'finanzjament minn NextGenerationEU.

Riżorsi ġodda ta' EUR 50,6 biljun taħt l-Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU) appoġġaw il-miżuri ta' tiswija tad-dannu kkawżat mill-kriżi taħt il-fondi strutturali 2014-2020.

REACT-EU kienet l-ewwel strument li ntuża taħt NextGenerationEU, bl-ewwel pagament li sar fit-28 ta' Ġunju 2021. Il-ffinanzjament kien maqsum f'żewġ segmenti – il-maġġoranza kienet disponibbli għall-programmazzjoni fl-2021 (EUR 39,6 biljun) u l-bqija fl-2022 (EUR 10,8 biljun). Il-Kummissjoni agħixxiet malajr biex tagħmel il-fondi disponibbli fil-ħin għall-ġlieda kontra l-pandemija u l-appoġġ lill-ekonomija. Fi tliet xhur

⁽⁷⁾ Il-Fondi SIE kollha jimmiraw l-appoġġ għall-intrapriżi. Il-proġetti appoġġaw 2 miljun ditta taħt il-FEŻR, 1,7 miljun intrapriża mikro, żgħira u ta' daqs medju taħt il-FSE u 390 000 ditta rurali taħt il-FAEŻR.

biss wara l-adozzjoni tar-Regolament dwar REACT-EU ⁽⁸⁾, hija approvat aktar minn 90 % tal-fondi disponibbli fl-2021, biex b'hekk l-awtoritajiet maniġerjali jkunu jistgħu jibdwu jużaw ir-riżorsi addizzjonali disponibbli.

Il-finanzjament mar għand l-istituzzjonijiet mediċi, ir-riċerkaturi, is-sidien tan-negozji, l-impjegati u l-persuni vulnerabbli. Minn Ottubru 2022, ġew allokat EUR 7,1 biljun għal investimenti ekoloġiċi (li minnhom EUR 6,1 biljun kienu għall-azzjoni klimatika) u EUR 3,1 biljun għall-ekonomija diġitali; EUR 8 biljun ġew allokat għall-intrapriżi u għall-appoġġ lin-negozji; EUR 7,1 biljun għas-settur tas-saħħa u EUR 10 biljun għall-miżuri tas-suq tax-xogħol.

Valuri ewlenin mir-rapportar nazzjonali tal-indikaturi speċifiċi tal-COVID-19, inkluża l-ewwel kontribuzzjoni għall-appoġġ ta' REACT-UE, jindikaw il-kisbiet preliminari li ġejjin sal-aħħar tal-2021⁽⁹⁾:

- Taħt l-indikaturi tal-COVID-19 dwar l-infiq relatat mas-saħħa: 42 % tat-total ta' EUR 3,7 biljun ippjanat ġie rrapportat bħala minfuq sal-aħħar tal-2021.
- Indikaturi ewlenin speċifiċi għall-COVID-19 ta' outputs relatati mas-saħħa juru rata għolja ta' eżekuzzjoni:
 - mill-mira ta' 3,4 biljun oġġett ta' tagħmir protettiv personali, kif stabbilit fil-programmi tal-Istati Membri, 84 % ġiet irrapportata bħala milħuqa;
 - mill-mira għal 13 000 ventilatur ġdid, ix-xiri ta' aktar minn 11 000 ventilatur (84 %) ġie rrapportat bħala komplut.
- B'rabta mal-mira ta' EUR 12,4-il biljun f'appoġġ ta' emerġenza għall-kapital operatorju għall-SMEs (għotjiet u self), 70 % tal-mira ġiet irrapportata bħala implimentata. Mill-mira li jiġu appoġġati aktar minn miljun SME b'kapital operatorju, il-mira ġiet irrapportata bħala 78 % milħuqa sal-aħħar tal-2021, b'madwar 805 000 intrapriża appoġġati.

Fi ħdan il-Politika ta' Koeżjoni, il-FSE huwa s-sors primarju għall-appoġġ tas-servizzi soċjali, iż-żamma tal-impjiegi u l-appoġġ għal gruppi vulnerabbli, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Dan sar permezz tal-promozzjoni ta', pereżempju, appoġġ għal arranġamenti ta' xogħol għal żmien qasir, paga supplimentari għall-persunal tal-kura tas-saħħa, tagħmir tal-IT, tagħmir protettiv u servizzi għal gruppi vulnerabbli.

Il-miżura stabbilita taħt il-FAEŻR biex tipprovdi appoġġ temporanju ta' likwidità lill-bdiewa u lin-negozji rurali partikolarment affettwati mill-kriżi tal-COVID-19 ġiet implimentata f'aktar minn 40 programm reġjonali jew nazzjonali tal-iżvilupp rurali f'14-il Stat Membru għal ammont ta' nfiq pubbliku totali pplanat ta' EUR 1 biljun (inkluż il-kofinanzjament nazzjonali). Sal-aħħar tal-2021, 90 % tas-EUR 700 miljun allokat għall-miżura (għal ammont ta' nfiq pubbliku totali pplanat ta' EUR 1 biljun, inkluż il-

⁽⁸⁾ Ir-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU) (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 30).

⁽⁹⁾ Din l-informazzjoni hija disponibbli fuq [id-Dashboard tal-COVID-19](#) fuq il-Pjattaforma tad-Data Miftuħa ta' Koeżjoni.

kofinanzjament nazzjonali) kienu ġew implimentati u dan ippermetta li aktar minn 560 000 azjenda agrikola u 6 500 SME jirċievu appoġġ. 92 % ta' din in-nefqa marret għall-bdiewa.

Il-FEMS introduċa appoġġ ta' emerġenza sabiex jikkompensa għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd u għas-sospensjoni jew it-tnaqqis tal-produzzjoni u l-ipproċessar fil-kuntest tal-pandemija. EUR 189 miljun mill-finanzzjament tal-FEMS ġew impenjati biex itaffu l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, li nofshom ġew allokat li għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd. Dan jikkorrespon di għal 3,8 % tal-finanzzjament totali tal-FEMS impenjat fl-aħħar tal-2021.

Eżempji ta' proġetti ffinanzjati mill-Fondi SIE li jikkontribwixxu għar-rispons għall-COVID-19:

Fil-Greċja, il-FSE appoġġa r-reklutaġġ ta' professjonisti tas-saħħa inklużi tobbia, infermiera u persunal ieħor li jipprovdu servizzi tas-saħħa u li għandhom rwol kruċjali fl-istruttura, it-tħejjija u r-reżiljenza tal-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa. Bil-għan li jindirizza n-nuqqas ta' persunal li jaffettwa s-servizzi tas-saħħa Griegi, il-proġett iffoka fuq iż-żieda fl-għadd ta' persunal involut fl-iskrinjar, l-identifikazzjoni bikrija u l-ġestjoni ta' każijiet potenzjali tal-COVID-19, kif ukoll fil-kura għal persuni b'mard kroniku jew akut mhux relatat mal-COVID.

[Delvert Mécanique](#), kumpanija bbażata f'Nouvelle-Aquitaine, Franza, irċeviet appoġġ finanzjarju biex timmodernizza l-manifattura tagħha. Il-kumpanija, li timmanifattura biċċiet tax-xogħol għas-swieq tal-industrija, tad-difiża, tal-ferrovija u tal-isport tal-karozzi, intlaqtet b'mod qawwi mill-kriżi tas-saħħa. L-appoġġ tal-FEŻR jippermetti lill-kumpanija tkun aktar produttiva u żżid il-fatturat tagħha b'20 % matul it-tliet snin li ġejjin u timpjega persunal ġdid.

Fl-Awstrija, il-fondi ta' REACT-EU appoġġaw lill-kumpanija [Kioto Solar](#) ibbażata f'Carinthia. Il-FEŻR ikkontribwixxa EUR 1,4 miljun għax-xiri ta' magni għal linja ta' produzzjoni ġdida ta' moduli fotovoltaiċi li jistgħu jiġu integrati fil-faċċati tal-bini. Dawn il-moduli innovattivi, intelliġenti u estetiċi jitttrasformaw bini f'impjant tal-enerġija solari ta' veru. Bħala riżultat tal-linja ta' produzzjoni l-ġdida, il-moduli fotovoltaiċi b'użu doppju (ġnien tax-xitwa, faċċata, carport, soluzzjonijiet ta' tisqif, eċċ.) jistgħu jiġu prodotti awtomatikament fis-sit tagħhom f'St. Veit.

Fir-reġjun ultraperiferiku Franċiż ta' La Réunion, il-FEŻR investa EUR 8 miljun biex jgħin lin-negozji fis-settur tat-turiżmu jżommu u gradwalment jerġgħu jibdew l-attivitajiet tagħhom. Dan ħa l-forma ta' appoġġ b'rata fissa għall-kapital operatorju fl-SMEs li għen biex jitnaqqsu l-effetti negattivi kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19 li laqtet lir-reġjun b'mod qawwi ħafna. Għall-ewwel darba, tali skema ġiet skjerata permezz ta' pjattaforma diġitali dedikata, li tnaqqas il-burokrazija għall-minimu.

Il-pandemija tal-COVID-19 ġabet bidliet sinifikanti fis-suq finanzjarju u l-ekonomija tal-Litwanja. Minħabba l-kriżi ekonomika tal-COVID-19, 15 % biss tan-negozji agrikoli jistgħu jkopru l-obbligazzjonijiet tagħhom fuq perjodu ta' żmien qasir bil-fondi proprji tagħhom. Ġie stabbilit strument finanzjarju b'appoġġ mill-FAEŻR li jipprovdi self preferenzjali sa EUR 200 000 għal kapital operatorju u/jew investimenti lil azjendi agrikoli żgħar u bdiewa żgħażaġħ. Sa Settembru 2022, ġew sottomessi applikazzjonijiet għal self b'valur ta' EUR 2,7 miljun.

3. IMPLIMENTAZZJONI SKONT IT-TEMI EWLENIN


It-taqsimiet li ġejjin jipprovdu ħarsa ġenerali lejn il-kisbiet tal-Fondi SIE skont il-qasam ta' politika ewlieni kif irrapportat mill-Istati Membri fl-aħħar tal-2021.

3.1. Tkabbir intelliġenti

L-investimenti fit-tkabbir intelliġenti jammontaw għal madwar 29 % tal-finanzjament totali tal-Fondi SIE. Aktar minn EUR 212-il biljun huma disponibbli għat-tliet objettivi intelliġenti: ir-riċerka u l-innovazzjoni (EUR 70 biljun), it-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (EUR 18-il biljun) u l-kompetittività tal-SMEs (EUR 124 biljun) ⁽¹⁰⁾.

EUR 212-il biljun għat-tkabbir intelliġenti

Sal-aħħar tal-2021, l-Istati Membri kienu allokaw EUR 225 biljun, 110 % ⁽¹¹⁾ tal-finanzjament totali disponibbli, għal proġetti għal dawn it-tliet objettivi (*allokati għal proġetti* fil-graff ta' hawn taħt), u EUR 131 biljun, li jikkorrespondu għal 62 % tal-allokkazzjoni, kienu diġà tħallsu lill-benefiċjarji tal-proġetti (*minfuqa mill-proġetti*). Din tirrappreżenta żieda ta' 8 punti perċentwali meta mqabbla mas-sena ta' qabel, li turi ritmu tajjeb ta' nfiq għall-Fondi SIE. L-ċifra ta' hawn taħt tagħti diżaggregazzjoni aktar dettaljata tar-rata ta' implimentazzjoni għal kull wieħed mit-tliet objettivi, kif ukoll il-medja li tikkorrespondi għar-raggruppament ta' tkabbir intelliġenti.



L-użu tal-Fondi SIE għall-promozzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni huwa kruċjali sabiex jgħin lill-Istati Membri u lir-reġjuni joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp. L-appoġġ għall-innovazzjoni permezz ta' strateġiji

⁽¹⁰⁾ L-ammonti aggregati għall-oqsma ta' politika ewlenin huma oġġla mill-ammonti speċifiċi skont l-objettivi tematiċi inklużi fl-Anness 1.1. Dan huwa dovut għar-riattribuzzjoni ta' investimenti rrapportati taħt "objettivi multitematiċi".

⁽¹¹⁾ L-ammont magħżul huwa akbar mill-ammont ippjanat sabiex jiġi żgurat assorbiment aħjar f'każ li xi proġetti ma jirnexxux matul l-implimentazzjoni jew f'każ li jkun hemm disponibbli aktar flus.

intelliġenti ta' speċjalizzazzjoni huwa kruċjali għal firxa ta' prijoritajiet tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Patt Ekoloġiku Ewropew, ekonomija għas-servizz tan-nies, u nagħmlu l-Ewropa lesta għall-era diġitali.

Sal-aħħar tal-2021 ġew irreġistrati kisbiet sostanzjali fil-qasam tar-**riċerka u l-innovazzjoni**. Pereżempju, bħala riżultat tal-appoġġ mill-UE, aktar minn 60 000 intrapriża kkooperaw ma' istituzzjonijiet tar-riċerka (94 % tal-mira) u madwar 30 000 intrapriża introduċew prodotti ġodda fis-suq (95 % tal-mira).

Il-Fondi SIE qegħdin jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-**trasformazzjoni diġitali** tal-ekonomija Ewropea billi jtejbu l-infrastruttura tal-IT u jsaħħu l-pożizzjoni tan-nies, tal-intrapriżi u tal-awtoritajiet pubbliċi b'ġenerazzjoni ġdida ta' teknoloġiji u ħiliet. Aktar minn 6,3 miljun unità domestika qegħdin jibbenefikaw minn aċċess imtejjeb għall-broadband bis-saħħa ta' proġetti magħżula tal-FEŻR. Kważi 12-il miljun unità domestika huma mistennija li jibbenefikaw minn aċċess imtejjeb għall-broadband sal-aħħar tal-2023. Fiż-żoni rurali, aktar minn 1 900 operazzjoni ta' investiment ġew appoġġati mill-FAEŻR sabiex itejbu l-aċċessibbiltà, l-użu u l-kwalità tal-ICT għal ammont totali ta' aktar minn EUR 1,1 biljun. Aktar minn 5,1 miljun persuna fiż-żoni rurali bbenefikaw minn infrastruttura jew servizzi tal-IT imtejjba.

Il-Fondi SIE jipprovdu appoġġ vitali sabiex il-kumpaniji jkunu jistgħu jikbru u jsiru aktar produttivi u kompetittivi u sabiex in-negozji jintroduċu soluzzjonijiet innovattivi. B'mod ġenerali, hija ppjanata s-somma ta' EUR 124 biljun (17 % tal-baġit totali) għat-tisħiħ tal-**kompetittività tal-SMEs Ewropej**, b'dan ikun l-akbar objettiv uniku fil-baġit. Sa issa, 99 % tal-ammont ipplanat huwa diġà allokat għall-proġetti u 61 % diġà ntefaq.

Pereżempju, l-għadd ta' SMEs li bbenefikaw mill-appoġġ tal-UE żdied għal 2 miljuni fl-2021 (meta mqabbel ma' 1,4 miljuni fis-sena ta' qabel), li juri l-effett ta' mitigazzjoni li l-fondi tal-UE kellhom fuq il-protezzjoni tal-kumpaniji mid-daqqiet tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi finanzjarji tagħha.

Eżempji ta' proġetti ffinanzjati mill-Fondi SIE li jikkontribwixxu għat-tkabbir intelliġenti:

Bl-għajjnuna tal-FEŻR, in-negozju ġdid [MakeGrowLab](#) minn Puławy, fir-reġjun ta' Lubelskie, il-Polonja, żviluppa materjal prodott mill-bijomassa bl-użu ta' mikroorganiżmi. Il-materjal ta' Scoby Packaging Materials® huwa nanofibra ta' prestazzjoni għolja mkabbra minn mikrobi permezz tal-użu mill-ġdid kreattiv ta' ikel/xorb lokali mhux mixtieq. Dan jista' jintuża bħala alternattiva għall-imballaġġ tal-plastik u bħala reċipjent tal-ħżin għall-ikel, il-kimika, il-kożmetiċi u t-tessuti. Il-prodott huwa ekoloġiku u innovattiv fuq skala globali.

Il-programm ta' aċċelleraturi għall-bidu ta' negozju "[Olympe Boxes 2020](#)" imwettaq fir-reġjun ultraperiferiku tal-Gżejjer Kanarji, Spanja, ippromwova l-intraprenditorija u offra servizzi lill-imprendituri tat-teknoloġija. Bl-għajjnuna tal-finanzjament mill-FEŻR, dan il-proġett ipprova servizzi ta' konsulenza lil 73 imprenditur, li ppermettew lil 32 negozju ġdid itejbu l-mudell tan-negozju tagħhom permezz tal-implimentazzjoni ta' ideat innovattivi.

Fir-reġjun ta' Uusimaa fil-Finlandja, il-FEŻR ikkofinanzja l-proġett "[Digi-Flash](#)" biex jitħaffef l-użu tat-teknoloġiji tal-industrija diġitali 4.0 fl-SMEs. 53 kumpanija pparteċipaw fil-proġett u nedew attivitajiet ta' riċerka u żvilupp. Minn 15 minn dawn il-kumpaniji haġġu negozji ġodda bbażati fuq soluzzjonijiet ta' enerġija rinnovabbli jew

appoġġ għal soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. 17-il kumpanija oħra żviluppaw prodotti ġodda jew imtejba b'mod sinifikanti.

Il-kumpanija unika u innovattiva [Mad Scientist Brewery](#), li hija bbażata f'Budapest, l-Ungerija, irċeviet appoġġ mill-FEŻR biex ittaffi l-impatt ekonomiku tal-COVID-19 u biex ittejjeb it-teknoloġiji tagħha. It-teknoloġiji l-ġodda jippermettu lil Mad Scientist tlaħħaq mal-innovazzjonijiet b'pass mgħaġġel fis-settur tal-birrerija tal-IPA u ttejjeb il-kompetittività tagħha fis-swieq internazzjonali.


L-appoġġ mill-FEŻR ipprovdut lil KUNKEL + Partner, li hija bbażata f'Nordrhein-Westfalen, il-Ġermanja, iippermettielha tiżviluppa aktar [batteriji taż-żingu-arja rikarikabbli](#). Din it-teknoloġija toffri densità għolja ta' enerġija, hija faċli biex tiġi rriċiklata u, fuq kollox, hija rħisa ħafna. Iċ-ċellola ottimizzata bħalissa qed tiġi manifatturata f'serje industrijali żgħira u qed jiġi stabbilit dimostratur b'72 ċellola u kapaċità totali ta' 7,2 kWh. Dan se jibda jaħdem fl-utilitajiet municiipali tal-belt ta' Steinfurt, North Rhine-Westphalia, sabiex jaħżen temporanjament l-enerġija żejda mis-sistema fotovoltajka bi produzzjoni massima ta' 100kW.

3.2. Tkabbir sostenibbli

EUR 279 biljun għat-tkabbir sostenibbli

Billi jappoġġaw l-investimenti f'ekonomija newtrali għall-klima, nadifa u ċirkolari, kif ukoll fl-ambjent u fl-adattament għat-tibdil fil-klima, il-Fondi SIE qed jagħtu kontribut importanti għall-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Minħabba r-riżorsi addizzjonali injettati permezz ta' REACT-EU, l-allokazzjoni ġenerali żdiedet għal EUR 279 biljun (meta mqabbla ma' EUR 251 biljun fl-aħħar tal-2020). Din tirrappreżenta madwar 38 % tal-allokazzjoni baġitarja ġenerali. Sal-aħħar tal-2021, ġew allokati EUR 292 biljun għall-proġetti (105 % tal-finanzjament iddedikat) u l-infiq kien jammonta għal EUR 174 biljun (63 % tat-total ippjanat). Iċ-ċifra ta' hawn taħt tagħti diżaggregazzjoni aktar dettaljata tar-rata ta' implimentazzjoni għal kull wieħed mill-erba' oġġettivi, kif ukoll il-medja li tikkorrespon di għar-raggruppament ta' tkabbir intelliġenti.

Hemm differenzi importanti fil-progress finanzjarju bejn it-temi differenti. L-investimenti fl-**infrastrutturi tan-network fit-trasport u l-enerġija** aċċelleraw b'mod sinifikanti fl-aħħar sena. Sa issa, intefqu 71 % tal-ammonti ppjanati totali.



L-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tar-riskji huma wieħed mill-oġġettivi tematiċi li qed jipprograww l-aktar malajr, fejn jinsabu fit-tieni post f'termini tal-ammonti diġà minfuqa mill-benefiċjarji (63 %). **Il-ħarsien tal-ambjent u l-effiċjenza fir-riżorsi** huma li jmiss f'termini ta' nfiq, b'59 % tal-baġit totali diġà qed jintuża, fit-tliet inqas mill-medja għall-mira ta' tkabbir sostenibbli.

Il-kriżi tal-COVID-19 temporanjament naqqset ir-ritmu tal-implimentazzjoni ta' proġetti li jikkontribwixxu għal miri klimatiċi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, minħabba li l-fondi mhux minfuqa ġew iddevjati biex jindirizzaw miżuri ta' emerġenza fis-setturi tal-kura tas-saħħa u tan-negozju. Madankollu, dan treggħa' lura biż-żieda ta' EUR 50,6 biljun f'fondi ta' REACT-EU għall-programmi eżistenti tal-Politika ta' Koeżjoni f'Ġunju 2021 biex jiġu appoġġati fit-tnaqqis tad-distakk bejn il-miżuri ta' emerġenza u l-irkupru fit-tul billi jipprovdut lill-Istati Membri b'riżorsi ġodda biex jergħu jniedu l-proġetti ekoloġiċi u diġitali li kienu twaqqfu qabel. Huwa mistenni li se jkun hemm aċċellerazzjoni sinifikanti fl-implimentazzjoni fl-2022-2023, minħabba li ħafna minn dawn il-proġetti fit-tul se jilhqqu l-maturità.

Il-Fondi SIE kienu l-appoġġ ewlieni tal-finanzi pubbliċi tal-UE għall-enerġija nadifa. Dawn iffinanzjaw l-effiċjenza enerġetika permezz tar-rinnovazzjoni tal-bini, l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u n-networks tal-enerġija. Bis-saħħa ta' dan, bosta Stati Membri stabbilew programmi fuq skala kbira għar-rinnovazzjoni ta' binjiet residenzjali. B'konsegwenza ta' dan, eluf ta' unitajiet domestiċi qegħdin jibbenefikaw minn kontijiet tal-enerġija mraħħsa u aktar kumdità. L-SMEs ġew appoġġati wkoll biex itejbu l-effiċjenza enerġetika tagħhom, inaqqsu l-kostijiet tal-enerġija tagħhom u jtejbu l-kompetittività tagħhom.

Ġie pprovdut ukoll appoġġ sinifikanti biex tingħata spinta lill-investimenti fis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, bħal fl-enerġija tal-baħar, iżda wkoll l-iskjament tal-enerġija solari jew eolika bħal fil-komunitajiet tal-enerġija u fl-installazzjonijiet fuq skala żgħira. Dan ikkontribwixxa għas-sigurtà tal-enerġija u ħoloq impjieg u negozji ġodda fl-UE fis-settur tal-enerġija rinnovabbli. Il-Fondi SIE ġew investiti f'infrastruttura ewlenija tal-elettriku u tal-gass li issa għandha rwol kruċjali fl-iżgurar ta' suq intern tal-enerġija li jiffunzjona.

It-trekkjar tal-appoġġ għall-azzjoni klimatika

Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tappoġġa l-azzjoni klimatika billi tiddedika mill-inqas 20 % tal-baġit tal-UE għas-snin 2014-2020 għal din il-prijorità. Il-Fondi SIE **jimmiraw b'mod ġenerali 26 % tal-baġit tagħhom fuq objettivi tal-azzjoni klimatika**. Dawk l-azzjonijiet jinkludu investimenti fl-oqsma tal-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, tal-ekonomija ċirkolari, tal-prevenzjoni tar-riskji, tal-ħarsien tal-ambjent, tal-mobilità urbana nadifa u tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni.

Fl-aħħar tal-2021, il-kontribuzzjonijiet tal-Fondi SIE għall-azzjoni klimatika varjaw bejn 58 % tal-pakkett baġitarju totali tal-FAEŻR u 27 % tal-allokazzjoni totali tal-Fond ta' Koeżjoni, 17 % tal-allokazzjoni totali tal-FEMS u 18 % tal-allokazzjoni totali tal-FEŻR. L-Anness 3 jipprovdi aktar dettalji dwar l-allokazzjoni u l-infiq tal-fondi għall-klima.

L-allokazzjoni totali tal-FEŻR għall-azzjoni klimatika ġiet rinfurzata bl-allokazzjonijiet addizzjonali fl-2021 ta' EUR 6,7 biljun (17 % tal-allokazzjoni totali tal-FEŻR) taħt REACT-EU, li gābet l-allokazzjoni totali tal-FEŻR għal EUR 39,3 biljun.

It-trekkjar tal-azzjoni klimatika tal-Politika ta' Koeżjoni jista' jiġi esplorat fl-[għodda ta' trekkjar klimatiku](#) tad-Data Miftuħa ta' Koeżjoni.

Sal-aħħar tal-2021, ġew irreġistrati l-kisbiet tanġibbli li ġejjin:

- Il-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli se titkabbar bi 8 800 MW, li minnhom diġà ġiet installata kapaċità ta' 3 600 MW, żieda ta' 33 % meta mqabbla mas-sena ta' qabel;
- Ir-rendiment tal-enerġija ta' 754 000 unità domestika se jitjieb; xejn inqas minn 460 000 unità domestika diġà bbenefikaw mill-kundizzjonijiet imtejba sal-aħħar tal-2021 (kważi 91 000 aktar minn sal-aħħar tal-2020);
- Il-konsum tal-enerġija tal-bini pubbliku se jitnaqqas kull sena b'7,8 terawatt/siegħa, li minnhom 2,6 terawatt/siegħa diġà qed jiġu ffrankati kull sena;
- Il-miżuri ta' protezzjoni mill-għargħar se jnaqqsu l-vulnerabbiltà ta' kważi 34 miljun persuna, li minnhom 21,7 miljun issa huma inqas esposti għal riskji ta' għargħar minħabba l-investimenti appoġġati;
- Kompla jsir progress permezz ta' ġestjoni mtejba tal-art agrikola u forestali fuq is-sekwestru u l-konservazzjoni tal-karbonju, kif ukoll fuq it-tnaqqis tal-gassijiet serra u tal-emissjonijiet tal-ammonijaka fl-agrikoltura. Fl-aħħar tal-2021, l-UE kienet diġà qabżet il-miri tagħha għall-2025 f'dawn l-oqsma;
- EUR 1,7 biljun, uguali għal kważi 35 % tal-appoġġ totali tal-FEMS impenjat għas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, ġew iddedikati għall-preservazzjoni u l-ħarsien tal-ambjent, pereżempju, permezz tal-protezzjoni taż-żoni Natura 2000, u għall-promozzjoni tal-effiċjenza fir-riżorsi u t-tnaqqis tal-iskart.

Xi eżempji ta' dak li ġie ffinanzjat fuq dan is-suġġett topiku jistgħu jinstabu hawn taħt.

Eżempji ta' proġetti ffinanzjati mill-Fondi SIE li jikkontribwixxu għat-tkabbir sostenibbli:

Il-Fond ta' Koeżjoni alloka EUR 114-il miljun għax-xiri ta' 23 ferrovija elettrika għaż-żona metropolitana ta' Riga, il-Latvja. Il-[ferroviji elettriċi l-ġodda tal-passiġġieri](#) huma mistennija li jżidu l-għadd ta' passiġġieri b'2,7 miljun kull sena, billi jaqilbu minn modi ta' trasport inqas sostenibbli, inaqqsu l-ħinijiet tal-ivvjaġġar u jżidu s-sikurezza u l-aċċessibbiltà.

Il-proġett "[Peute Energy Center](#)" ibbażat f'Hamburg, il-Ġermanja, ippromwova l-użu tas-sħana mill-iskart industrijali għall-provvista tas-sħana lil tliet distretti tal-belt. Billi l-bini jiġi pprovdut bi sħana mill-iskart industrijali, kull sena se jiġu evitati emissjonijiet tas-CO₂ ta' madwar 8 500 tunnellata bis-saħħa tal-appoġġ tal-FEŻR.

Iċ-ċentru tal-isptar ta' Vila Real, fir-reġjun tat-Tramuntana tal-Portugall, ġie riabilitat b'appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni. Ir-riabilitazzjoni tas-sistema tal-enerġija kkontribwiet għar-razzjonalizzazzjoni tal-konsum tal-enerġija, f'termini tal-arja kondizzjonata, id-dawl ta' ġewwa u ta' barra, it-tisħin tal-ilma u l-installazzjoni ta' sistemi tal-enerġija rinnovabbli, bħala enerġija solari termali u fotovoltajka u bijomassa. Dan wassal għal titjib sinifikanti fil-livell ta' kumdità tal-pazjenti u tal-persunal. Il-proġett wassal għal tnaqqis sostanzjali fil-konsum annwali tal-elettriku u fl-emissjoni tas-CO₂.

Il-FEMS ipprova appoġġ finanzjarju lill-proġett [Alga4Food](#) fil-Portugall, li għandu l-għan li jesplora l-benefiċċji tal-makroalga (alga) li tittiekel mill-kosta Portugiża, u jippromwovi l-użu ta' makroalga prodotta b'mod sostenibbli fit-tisjir tal-familji Portugiżi. It-tim ta' Alga4Food iġib flimkien id-dinjiet tax-xjenza u tal-gastronomija, filwaqt li janalizza tipi differenti ta' alga biex jifhem it-togħma u l-valur nutrizzjonali tagħhom u jsib modi innovattivi kif dan l-ingredjent jista' jintuża fil-kċina Portugiża.

L-ottimizzazzjoni tal-użu tal-enerġija tal-baħar biex jiġi kopert il-konsum tal-elettriku tal-abitanti lokali u biex tinkiseb bidla lejn l-enerġija nadifa u l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju hija l-isfida ambizzjuża tal-proġett [MegaWattBlue](#). Il-proġett appoġġat mill-FEŻR iippermetta li jiġi żviluppat u ttestjat ġeneratur tal-flussi tal-marea tat-tieni ġenerazzjoni fl-ambjent naturali fi Brittany, Franza. Il-prototip jippermetti ġenerazzjoni tal-enerġija darbtejn u nofs akbar minn dik ta' ġeneratur tal-flussi tal-marea konvenzjonali.

Il-proġett [Angelic Gardens](#) (Anielskie Ogrody), proġett kofinanzjat mill-FAEŻR fil-Polonja, għen biex jinħolqu, mill-bidu, azjendi agrikoli ekoloġiċi żgħar tal-familja u biex dawn jiġu appoġġati fil-produzzjoni ta' ħxejjex, frott, ħxejjex aromatiċi u fjuri organiċi. Dan kien jinvolvi edukazzjoni permezz ta' workshops prattiċi kif ukoll gwida online, li wassluh għal skala nazzjonali. Huwa kien ta' ispirazzjoni wkoll għall-komunitajiet lokali u nazzjonali biex jikkooperaw ma' għonja produttivi żgħar għat-tfal tal-iskola u għall-anzjani.

Il-FEŻR ikkofinanzja l-kostruzzjoni ta' pipeline tal-gass naturali b'tul ta' 55 km fir-reġjun ta' Śląskie li jinsab fin-Nofsinhar tal-Polonja. Il-[pipeline bejn Tworóg u Tworzeń](#) huwa parti mill-fergħa tal-Punent tal-Kuritur tal-Gass tat-Tramuntana-Nofsinhar. Huwa jgħaqqad it-terminal tal-Gass Naturali Likwifikat (LNG) fi Świnoujście mal-Pajp Baltiku – mill-Polonja, iċ-Ċekja, is-Slovakkja u l-Ungerija – u jibqa' għaddej sat-terminal tal-LNG fil-Kroazja.

Il-FEŻR appoġġa l-kostruzzjoni tal-[interkonnettur tal-gass bejn il-Greċja u l-Bulgarija](#) fil-Bulgarija. L-interkonnettur beda l-operazzjonijiet kummerċjali fl-1 ta' Ottubru 2022, b'tul globali ta' 182 km u kapaċità teknika ta' 3 biljun metru kubu fis-sena u għażla biex


tiżdied il-kapaċità tat-trażmissjoni. Fiċ-ċirkostanzi ġeopolitiċi attwali, dan il-proġett infrastrutturali strateġiku huwa simboliku tal-importanza tal-awtonomija strateġika tal-UE tal-provvista tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tas-sorsi u tar-rotot.

3.3. Tkabbir inklużiv

L-investimenti fit-tkabbir inklużiv jammontaw għal madwar 24% tal-finanzjament totali. EUR 173 biljun huma disponibbli għat-tliet objettivi koperti: **l-impjiegi ta' kwalità sostenibbli** (EUR 57 biljun), **l-inklużjoni soċjali** (EUR 71 biljun) u **t-taħriġ edukattiv u vokazzjonali** (EUR 45 biljun).

EUR 173 biljun
għat-tkabbir
inklużiv

Il-kriżi tal-COVID-19 kellha effett li jinxtered fis-soċjetà kollha li jaffettwa lin-nies b'modi differenti. L-aġenda soċjali tal-UE flimkien mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali huma aktar minn qatt qabel kruċjali sabiex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u sabiex l-ekonomija u s-soċjetajiet Ewropej isiru aktar inklużivi, sostenibbli, reżiljenti u mħejjija aħjar għall-isfidi u l-opportunitajiet tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Fix-xenarju kritiku attwali, il-Fondi SIE qed jaġixxu sabiex isostnu r-riformi strutturali, inklużi l-modernizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi, l-inkoraġġiment tal-impjieg taż-żgħażaġh u t-tnaqqis tal-faqar u tal-inugwaljanzi.



Il-FSE kompla jagħti appoġġ lill-Ewropej kollha li issa qed jiffaċċjaw diffikultajiet, bil-għan li tinħoloq Europa aktar soċjali. Għal dan l-għan, huwa jrawwem is-servizzi soċjali, iż-żamma tal-impjiegi, l-appoġġ għal gruppi vulnerabbli u oħrajn, pereżempju, permezz ta' appoġġ għal arranġamenti ta' xogħol għal żmien qasir, paga supplimentari għall-persunal tal-kura tas-saħħa, tagħmir tal-IT, tagħmir protettiv u servizzi għal gruppi vulnerabbli. Huwa jikkontribwixxi wkoll biex jiġu ffaċċjati l-effetti tal-gwerra fl-Ukrajna billi jappoġġa lir-refuġjati.

Sal-aħħar tal-2021, il-proġetti maħsuba biex **itejbu l-opportunitajiet tax-xogħol** kienu kisbu dan li ġej:

- 55,2 miljun parteċipant appoġġati mill-FSE u mill-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ (YEI), inklużi 19,9-il miljun persuna qiegħda u 20,9 miljun parteċipant inattivi.
- 6,4 miljun persuna kienu sabu impjieġ bis-saħħa tal-appoġġ mill-FSE u mill-YEI.
- Fost il-parteċipanti, daww b'ħiliet baxxi jirrappreżentaw 47 % tal-individwi kollha; 14,5 % kienu migranti, kellihom sfond barrani jew kienu minn minoranzi.
- Il-parteċipazzjoni tan-nisa u tal-irġiel f'attivitajiet appoġġati hija mqassma kważi b'mod ugwali fil-livell tal-UE (52,9 % huma nisa).

Il-YEI komplet tipprovdi appoġġ ta' finanzjament sostanzjali liż-żgħażaġh fl-Istati Membri eliġibbli. L-inizjattiva turi progress tajjeb, bi EUR 11,9 biljun allokati għal 247 000 proġett sal-aħħar tal-2021. In-nefqa ddikjarata turi implimentazzjoni soda fil-prattika; sal-aħħar tal-2021, madwar 3,7 miljun żaġħżuġh u żaġħżuġha kienu ġew inklużi fil-miżuri appoġġati. Minn dawn:

- madwar 2,5 miljun parteċipant kienu temmew l-intervent tal-YEI; 1,1 miljun parteċipant kienu ġew offriti impjieġ, edukazzjoni ulterjuri, apprendistat jew taħriġ; u
- madwar 1,8 miljun parteċipant kienu fl-edukazzjoni jew f'taħriġ, kisbu kwalifika jew kienu f'impjieġ, inkluż impjieġ indipendenti bħala riżultat ta' interventi appoġġati mill-YEI.

Għall-**inklużjoni soċjali**, li għaliha l-FSE huwa l-akbar kontributor, il-proġetti magħżula sa issa jirrappreżentaw kważi EUR 62 biljun. Sal-aħħar tal-2021, 3,6 miljun parteċipant b'diżabilità, 8 miljun migrant, parteċipanti bi sfond barrani jew minn minoranzi u 10,3 miljun persuna żvantaġġati oħrajn kienu rċevew għajjnuna biex itejbu l-opportunitajiet ta' impjieġ tagħhom u jiżviluppaw il-ħiliet tajbin għas-suq tax-xogħol. Bħala riżultat tal-appoġġ tal-UE taħt il-FEŻR, il-kapaċità tal-infrastruttura tal-indukrar tat-tfal u tal-edukazzjoni tkabbret għal 19,7 miljun persuna, u 53 miljun persuna issa qegħdin jibbenefikaw minn servizzi tas-saħħa mtejbja madwar l-UE.

Il-FAEŻR appoġġa aktar minn 175 000 operazzjoni li jtejbja l-inklużjoni soċjali fiż-żoni rurali. Dan ipprovda wkoll appoġġ lill-komunitajiet rurali lokali li jimplimentaw l-istrategġiji ta' żvilupp lokali tagħhom stess. Aktar minn 3 650 grupp ta' azzjoni lokali, li jimplimentaw strategġiji tal-iżvilupp lokali, ikopru 64 % tal-popolazzjoni rurali fl-UE u jlaqqgħu flimkien partijiet ikkonċernati pubbliċi, privati u tas-soċjetà ċivili f'qasam partikolari.

Għall-edukazzjoni u t-taħriġ, EUR 52 biljun kienu ġew allokati għal proġetti magħżula. Sal-aħħar tal-2021, bis-saħħa tal-appoġġ tal-FSE u tal-YEI, ġew appoġġati 25,9 miljun persuna b'ħiliet baxxi, 8,8 miljun persuna kisbu kwalifika u 2,6 miljun persuna kienu fl-edukazzjoni u f'taħriġ.

Eżempji ta' proġetti ffinanzjati mill-Fondi SIE li jikkontribwixxu għal tkabbir inklużiv:

Negożju ġdid innovattiv Litwan żviluppa l-applikazzjoni [Mindletic](#) għat-tisħiħ tas-saħħa fiżika u emozzjonali. L-applikazzjoni tgħin lill-utenti jidentifikaw l-istatus emozzjonali

tagħhom, filwaqt li jqisu l-livell tal-enerġija u l-burdata. Bl-użu tad-*data* anonimizzata, it-tim ta' Mindletic jipprova jistabbilixxi l-bilanċ emozzjonali tal-utent. Mindletic inħolqot b'mod konġunt ma' psikologi ċertifikati u organizzazzjonijiet professjonali tas-saħħa mentali.

F'Haute-Normandie, Franza, erba' ċentri tat-taħriġ tas-settur tal-kostruzzjoni u tax-xogħlijiet pubbliċi wettqu proġett konġunt imsejjaħ "CFA numérique" jew "taħriġ diġitali tal-apprendisti", bl-għan li jiġu dematerjalizzati r-riżorsi edukattivi. Dan wassal għall-iskjerament ta' diversi pjattaformi kollaborattivi għat-tixrid ta' kontenut edukattiv diġitali, il-kondiviżjoni tal-għarfien, il-bini tal-immudellar tad-*data* u t-tagħmir tar-realtà awmentata. Dawn ir-riżorsi ppermettew li jkun hemm allinjament aħjar mal-iżviluppi fit-taħriġ tal-apprendisti doppji. Il-proġett irċieva EUR 631 miljun mill-FEŻR.

Il-FEŻR ikkofinanzja l-ħolqien ta' 10 unitajiet ta' abitazzjoni separati fil-belt ta' Zamość, il-Polonja, qrib il-fruntiera bejn il-Polonja u l-Ukrajna. Bħala parti minn dan il-proġett iffaċilitat minn CARE, il-bini ġie adattat għall-funzjonijiet ta' akkomodazzjoni għan-nies li jaħarbu mill-Ukrajna (b'mod partikolari nisa bit-tfal) wara l-attakk tal-Federazzjoni Russa fuq l-Ukrajna. Il-bini kien mgħammar biex iwettaq ukoll funzjonijiet soċjali bħal kamra tal-logħob għat-tfal, ċentru ta' integrazzjoni b'kamra tal-laqgħat multimedjali, kamra tal-ħasil u tat-tnixxif tal-ħwejjeġ, armarij għall-professjonisti li jipprovdu appoġġ lill-parteċipanti fil-proġetti (psikologi, edukaturi, avukati, eċċ.).

Fl-Awstrija, il-kumpaniji issa jistgħu jirċievu konsulenza bla ħlas biex jgħinuhom inaqqsu d-differenza bejn il-ġeneri, bis-saħħa ta' "100 Percent", proġett appoġġat mill-FSE. Il-proġett jappoġġa lill-kumpaniji biex ifasslu sistemi ta' remunerazzjoni trasparenti u biex jirrikonoxxu u jtejbu l-opportunitajiet għan-nisa fuq il-post tax-xogħol. Minbarra li jqajjem kuxjenza dwar id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, "100 Percent" juri lill-kumpaniji kif l-użu aħjar tad-diversità tal-forza tax-xogħol tagħhom jista' jippromwovi l-innovazzjoni u r-reżiljenza. Il-mudell ta' konsultazzjoni huwa flessibbli għall-ħtiġijiet ta' kull kumpanija, u jinkludi analiżi tad-*data* professjonali, l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni u appoġġ matul l-implimentazzjoni. L-impjegati jistgħu jiksbu pariri dwar il-ġestjoni, gwida għall-karriera u appoġġ ieħor.

Aktar minn 9 000 refuġjat mill-Ukrajna għandhom jibbenefikaw mis-servizzi pprovduti mill-proġett "Solidarity" fil-Bulgarija. B'appoġġ mill-FSE u minn REACT-EU, il-proġett "Solidarity" għandu l-għan li jgħin lill-Ukreni jissetiljaw fil-ħajja Bulgara billi jagħmilha aktar faċli għalihom biex isibu impjeg permezz tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Impjiegi. Il-proġett jipprovdi wkoll appoġġ psikoloġiku, gwida personalizzata għall-karriera u appoġġ għall-kera.

3.4. Tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali u amministrazzjoni pubblika effiċjenti


EUR 6,4 biljun
għal
amministrazzjoni
pubblika

effiċjenti

Ġew allokati EUR 6,4 biljun għal proġetti li jindirizzaw il-kapaċità istituzzjonali u r-riformi. Sal-aħħar tal-2021, kienu ġew allokati madwar EUR 7,2 biljun għal proġetti bħal dawn, li jirrappreżentaw 113 % tal-ammont ippjanat. L-infiq fil-prattika ammonta għal EUR 3,7 biljun (58 % tat-total ippjanat). Dan l-isforz kien ikkomplementat mill-appoġġ ipprovdut, minbarra l-Fondi SIE, permezz tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali, li issa ġie ttrasformat fl-Istrument ta' Appoġġ Tekniku ⁽¹²⁾.

L-implimentazzjoni tal-proġetti tal-FSE li jimmiraw lejn il-bini tal-kapaċità għall-partijiet ikkonċernati li jwasslu l-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja, it-taħriġ u l-impjiegi u l-politiki soċjali żdiedet b'mod sostanzjali, minn rata ta' għażla tal-proġetti ta' 60 % sal-aħħar tal-2020 għal 86 % sal-aħħar tal-2021.

Amministrazzjoni pubblika effiċjenti: rata ta' implimentazzjoni 12/2021



Taħt dan l-oġġettiv:

- 840 000 parteċipant ġew appoġġati mill-FSE;
- 3 000 proġett immirati lejn amministrazzjonijiet pubbliċi jew servizzi pubbliċi lokali, reġjonali jew nazzjonali ġew appoġġati mill-FSE.

Eżempji ta' proġetti ffinanzjati mill-Fondi SIE li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali:

B'finanzjament mill-FEŻR b'valur ta' EUR 32 miljun, 38,75 % taż-żona tar-reġjun ta' Lubelskie, il-Polonja, ġiet koperta mill-[proġett e-geodesia](#). Id-*data* u d-dokumenti nġabru u r-riżorsi kartografiċi ġew diġitalizzati sabiex jiġu pprovduti servizzi online relatati mal-kondiviżjoni tad-*data* ta' reġistri, fajls, kif ukoll mapep katastali.

Bis-saħħa tal-appoġġ tal-FSE, l-impjegati tas-settur pubbliku f'Malta ġew imħeġġa jistudjaw it-teknoloġija ġeospazjali u l-ġbir u l-ipproċessar ta' *data* ġeografika. Din ix-xorta ta' teknoloġija hija għodda dejjem aktar importanti għas-servizzi pubbliċi, minħabba li tista' tinforma aħjar it-tfassil tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet. Din se tikkontribwixxi biex jiżdiedu l-kapaċità u l-għarfien espert tal-impjegati Maltin tas-servizz pubbliku.

⁽¹²⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1). Disponibbli wkoll fuq: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/240>

3.5. Żvilupp territorjali u urban

Fil-perjodu 2014-2020, madwar EUR 32 biljun kienu ppjanati għall-iżvilupp territorjali integrat u għall-iżvilupp urban sostenibbli skont l-oġettivi ewlenin ippreżentati fit-taqsimiet ta' hawn fuq. Id-dewmien fil-finalizzazzjoni tal-istrategġiji u fit-twaqqif tal-proċeduri għall-implimentazzjoni deċentralizzata wassal għal bidu bil-mod. Sal-aħħar tal-2021, taħt il-Politika ta' Koeżjoni, ġew allokati EUR 31,5 biljun għall-proġetti, li jirrappreżentaw 99 % tal-allokazzjoni ppjanata. Kien hemm ukoll aċċellerazzjoni fil-livell tal-infiq mill-proġetti, bi 52 % tal-allokazzjoni ppjanata minfuqa (EUR 17-il biljun) sal-aħħar tal-2021, żieda minn 39 % fl-aħħar tal-2020, iżda xorta ferm inqas mir-rata medja ta' nfiq ta' 62 %.

**EUR 32 biljun
għall-iżvilupp
territorjali u
urban**

Il-proġetti magħżula taħt l-istrategġiji ta' żvilupp integrat se jwasslu:

- 46 miljun metru kwadru ta' spazju miftuħ urban rinnovat jew żviluppat ġdid aċċessibbli għall-pubbliku;
- 3,3 miljun metru kwadru ta' bini pubbliku rinnovat jew mibni ġdid u aktar minn 26 000 unità ta' abitazzjoni rinnovati.

F'konformità mal-implimentazzjoni finanzjarja, l-implimentazzjoni għadha lura u tvarja bejn 43 u 52 % tal-valuri fil-mira.

Eżempji ta' proġetti ffinanzjati mill-Fondi SIE li jikkontribwixxu għall-iżvilupp territorjali u urban:

F'Cadiz, Andalusia, Spanja, il-FEŻR ikkofinanzja r-riġenerazzjoni ta' 100 unità tal-abitazzjoni soċjali. Dan il-proġett għandu l-għan li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika u li jnaqqas l-emissjonijiet tas-CO₂ fil-bini u fl-infrastruttura u s-servizzi pubbliċi, kif ukoll li jnaqqas il-konsum finali tal-enerġija tas-settur residenzjali bi 15 %.

Il-proġett "[Discovery Passage](#)" kofinanzjat mill-FEŻR huwa parti minn proġett kumpless ta' riġenerazzjoni urbana tal-belt ta' Tarnów, ir-reġjun ta' Małopolska, fin-Nofsinhar tal-Polonja. Iċ-ċentru l-ġdid tax-xjenza u t-teknoloġija jipprovdi informazzjoni dwar l-aktar skoperti importanti, invenzjonijiet u l-awturi tagħhom relatati ma' Tarnów, b'diversi modi. Iċ-ċentru għandu l-għan li jiżviluppa u jippromwovi l-belt fl-oqsma tal-edukazzjoni, ix-xjenza, it-teknoloġija u l-intraprenditorija u li jibda l-kooperazzjoni bejn dawn is-setturi.

3.6. Kooperazzjoni territorjali

**EUR 13-
il biljun
għall-
kooperazzjoni
territorjali**

Il-FEŻR jipprovdi appoġġ għal programmi ta' kooperazzjoni territorjali li jinvestu f'kooperazzjoni transfruntiera, tranżnazzjonali u interreġjonali. Dawn il-programmi jammontaw għal kważi EUR 13-il biljun tal-allokazzjoni ppjanata, filwaqt li EUR 13,4-il biljun kienu diġà ġew allokati għall-proġetti sal-aħħar tal-2021. Dawn il-proġetti ġġeneraw EUR 8 biljun f'infiq (64 % tal-ammont ipplanat). L-implimentazzjoni finanzjarja tal-programmi ta' kooperazzjoni kienet konformi mal-implimentazzjoni fi programmi reġjonali/nazzjonali fl-aħħar tal-

2021.

Uħud mill-kisbiet tal-programmi ta' kooperazzjoni territorjali huma inklużi fl-indikaturi aggregati taħt it-temi ta' investiment ewlenin, filwaqt li xi indikator ddedikati jkejlu l-aspett ta' kooperazzjoni tal-proġetti appoġġati:

- Aktar minn 33 000 intrapriża pparteċipaw fi proġetti ta' riċerka transfruntiera, tranżnazzjonali jew interreġjonali;
- madwar 100 000 persuna pparteċipaw f'inizjattivi konġunti ta' impjieg lokali u f'korsijiet konġunti ta' taħriġ;
- 165 000 persuna bbenefikaw minn inizjattivi ta' mobilità transfruntiera.

Eżempji ta' proġetti ffinanzjati mill-Fondi SIE li jikkontribwixxu għall-appoġġ tal-kooperazzjoni territorjali:

Bl-impatt tat-tibdil fil-klima li ma jaffettwax il-fruntieri, il-proġetti tal-Interreg ressqw serje ta' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' reżiljenza għall-klima. Il-programm ta' kooperazzjoni bejn l-Awstrija u l-Ungerija ffinanzja proġetti ta' reżiljenza għall-għargħar li jammontaw għal EUR 13-il miljun. L-aktar wieħed notevoli huwa l-proġett [SEDDON II](#), li jappoġġa l-ġestjoni tas-sediment tal-ilma tax-xmajjar sabiex jittejjeb l-istatus ekoloġiku u jiġu evitati r-riskji ta' għargħar fuq id-Danubju.

[Il-programm ta' kooperazzjoni bejn iċ-Ċekja u l-Polonja](#) appoġġa wkoll il-miżuri ta' mitigazzjoni u tħejjija għall-għargħar. L-interventi jżidu t-tħejjija transfruntiera biex tittieħed azzjoni f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, speċjalment f'każ ta' għargħar.

4. ĦIDMA TA' EVALWAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Matul is-sena li għaddiet, l-Istati Membri ddedikaw aktar riżorsi biex jivvalutaw l-impatt tal-azzjonijiet appoġġati mill-Fondi SIE u l-implementazzjoni tagħhom.

Is-sejbiet mill-evalwazzjonijiet imwettqa fl-Istati Membri huma tipikament speċifiċi ħafna għall-kuntest lokali tal-azzjonijiet appoġġati. Madankollu, dawn jipprovdu għarfien siewi li jista' jgħin fl-aġġustament tal-azzjonijiet u tal-proġetti fil-parti finali tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 u, b'mod importanti, fit-tfassil tal-azzjonijiet ġodda fil-programmi tal-2021-2027.

B'mod ġenerali, l-evalwazzjonijiet imwettqa enfasizzaw riżultati pożittivi fl-oqsma appoġġati u juru li l-azzjonijiet u l-proġetti kienu effettivi fl-għoti ta' appoġġ lin-nies, lill-SMEs u kienu ta' benefiċċju għall-entitajiet kemm pubbliċi kif ukoll privati. Sa issa, ftit evalwazzjonijiet biss indirizzaw kif il-pandemija tal-COVID-19 affettwat xi setturi u għażliet ta' programmazzjoni. L-għadd ta' evalwazzjonijiet li jeżaminaw dawn l-elementi, kif ukoll il-miżuri l-oħrajn introdotti biex jirrispondu għall-aħħar kriżijiet tar-refuġjati u tal-enerġija mistennija jiżiedu fil-futur.

Id-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport jipprovdi aktar dettalji dwar is-sejbiet tal-evalwazzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni dwar il-programmi appoġġati mill-Fondi SIE.

5. KONKLUŻJONIJIET

Qafas stabbli

f'ambjent dinamiku

F'dawn l-aħħar snin tfaċċaw u akkumulaw bosta kriżijiet: mill-kriżi tas-saħħa għall-kriżi tal-enerġija miġjuba mill-invażjoni Russa tal-Ukrajna għall-kriżi fit-tul tat-tibdil fil-klima. Minbarra l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, sekwenza ta' inizjattivi tal-Politika ta' Koeżjoni (eż. CRII fl-2020, REACT-EU fl-2021, CARE u FAST-CARE fl-2022) juru kif il-Fondi SIE ġew aġġustati u jkomplu jaġġustaw biex jirrispondu għall-emerġenzi. Dawn l-inizjattivi ppermettew lill-Fondi SIE jindirizzaw il-missjoni strateġika tagħhom, filwaqt li jindirizzaw dawn il-kriżijiet mingħajr preċedent.

Kemm l-Istati Membri tal-UE kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea kienu pronti jaġġustaw il-programmi ta' nfiq għar-realtajiet il-ġodda, u b'dan urew l-aġilità tal-fondi biex jadattaw u jirrispondu għal avvenimenti u ċirkostanzi mhux previsti. Fl-istess ħin, il-Fondi SIE komplew jipprovdu appoġġ strutturali u affidabbli, li jgħin liċ-ċittadini jaċċessaw servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja u affidabbli li jgħinu lir-reġjuni u lill-kumpaniji jużaw l-isfidi tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali bħala ingranaġġ għal sorsi ġodda ta' kompetittività, kif ukoll lill-ħaddiema jiksbu l-ħiliet li jippermettulhom ikunu aktar produttivi u jaċċessaw impjiegi aħjar. B'mod ġenerali, mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 fl-2020, il-Politika ta' Koeżjoni pprovdiet aktar minn EUR 160 biljun lill-Istati Membri biex iżidu r-reżiljenza u jagħtu spinta lill-konverġenza soċjali u reġjonali.

L-UE ssottolinjat kontinwament l-impatt pożittiv tal-miżuri ta' effiċjenza enerġetika, l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-integrazzjoni tas-suq fuq is-sigurtà tal-enerġija tagħna. Il-Fondi SIE kienu l-għodda ewlenija għall-UE biex tipprovdi appoġġ finanzjarju pubbliku għall-enerġija nadifa, b'mod partikolari l-effiċjenza enerġetika, inklużi r-rinnovazzjoni tal-bini, l-iżvilupp ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u n-networks tal-enerġija. F'dan ir-rigward, il-Politika ta' Koeżjoni għenet lill-Istati Membri u lir-reġjuni jindirizzaw il-faqar enerġetiku, inaqqsu l-kontijiet tal-enerġija tal-unitajiet domestiċi, filwaqt li jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u joħolqu impjiegi sostenibbli fis-settur tal-kostruzzjoni u tal-bini. L-invażjoni Russa tal-Ukrajna kkonfermat biss l-importanza kritika tas-sigurtà tal-enerġija u l-ħtieġa għal tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima.

L-implimentazzjoni tal-programmi qed tagħmel progress tajjeb, b'aċċellerazzjoni sinifikanti fl-infiq fl-2020 u fl-2021, li turi evoluzzjoni pożittiva kostanti. L-aħħar *data* dwar l-implimentazzjoni finanzjarja mit-30 ta' Settembru 2022 turi l-pass dejjem aktar mgħaġġel tal-implimentazzjoni hekk kif joqrob it-tmiem taċ-ċiklu ta' programmazzjoni. Huwa importanti li jsir użu rapidu u tajjeb mill-fondi li jifdal kemm biex jiġi ġġenerat it-tkabbir u jinħolqu l-impjiegi, kif ukoll biex jiġi indirizzat l-impatt dirett u indirett tal-COVID-19, kif ukoll il-kriżi tal-Ukrajna u l-impatt tagħha fuq il-prezzijiet tal-enerġija.

Għall-perjodu 2021-2027, is-somma ta' EUR 370 biljun disponibbli taħt il-Politika ta' Koeżjoni se tkompli timmira lejn investimenti ewlenin fl-impjiegi u t-tkabbir, li jiffokaw fuq Ewropa aktar inklużiva u ekonomija aktar ekoloġika u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Il-Fondi SIE se jkomplu jkunu għodda b'saħħitha biex jgħinu lin-nies u lill-SMEs. Il-Politika ta' Koeżjoni wriet kapaċità qawwija biex tirreaġixxi għall-kriżijiet differenti li affettwaw lill-UE f'dawn l-aħħar snin, filwaqt li baqgħet impenjata għall-oġettiv fit-tul li jtnaqqsu d-disparitajiet bejn ir-reġjuni tal-UE u li tiġi promossa l-konverġenza soċjali u territorjali, kif ukoll li titmexxa 'l quddiem it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali.